



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5322/23

LIMITE

CORLX 52
CFSP/PESC 72
EPF AM 10
CSDP/PSDC 36
CSC 22
EUMC 19
COPS 28

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza
taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni
ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338¹, li stabbiliet miżura ta' assistenza b'ammont ta' referenza finanzjarja ta' EUR 450 000 000 maħsub biex ikopri l-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali.
- (2) Fit-23 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/471² li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338, li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 900 000 000.
- (3) Fit-13 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/636³ li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338, li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 1 350 000 000.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/338 tat-28 ta' Frar 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 60, 28.2.2022, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/471 tat-23 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali ((ĠU L96, 24.3.2022, p. 43).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/636 tat-13 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 117, 19.4.2022, p. 34).

- (4) Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/809¹ li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338, li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 1 840 000 000.
- (5) Fil-21 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1285² li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338, li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 2 330 000 000.
- (6) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1971³ li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338, li żiedet l-ammont ta' referenza finanzjarja għal EUR 2 820 000 000.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/809 tat-23 ta' Mejju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 145, 24.5.2022, p. 40).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1285 tal-21 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 195, 22.7.2022, p. 93).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1971 tas-17 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-provvista lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali (ĠU L 270, 18.10.2022, p. 95).

- (7) Fid-dawl tal-aggressjoni armata li għaddejja mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiżdied b'EUR 300 000 000 addizzjonali.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/338 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċizzjoni (PESK) 2022/338 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Sabiex jintlaħaq l-objettiv stabbilit fil-paragrafu 2, il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja l-forniment lill-Forzi Armati Ukreni ta' tagħmir u pjattaformi militari, imfassla biex iwasslu forza letali kif ukoll il-manutenzjoni, it-tiswija u l-attrezzament mill-ġdid ta' tagħmir u pjattaformi militari ffinanzjati mill-EPF, imfassla biex iwasslu forza letali u ta' tagħmir identiku minn persunal militari f'siti militari, jew f'forom imħallta ta' kooperazzjoni ċivili-militari jew f'fabbriki, kif mitlub mill-Ukrajna.”;

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 3 120 000 000.”;

(3) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3, huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sa EUR 3 120 000 000. Il-fondi li għalihom għamel sejħa l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġits emendatorji u annwali relatati li jikkorrispondu għall-miżura ta' assistenza.”;

(4) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4, huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. In-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2022 u sa data li tiġi ddeterminata mill-Kunsill. In-nefqa massima eliġibbli mġarrba qabel il-11 ta' Marzu 2022 għandha tkun ta' EUR 450 000 000. L-ammont ta' EUR 1 280 000 000 għandu jkun eliġibbli mill-21 ta' Lulju 2022. In-nefqa relatata mal-manutenzjoni u t-tiswija għandha tkun eliġibbli mis-17 ta' Ottubru 2022. In-nefqa relatata mal-attrezzament mill-ġdid għandha tkun eliġibbli minn ... [ĠU : Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni]”;

(5) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4, il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(j) il-Ministeru għad-Difiża, l-Uffiċċju Federali għall-Affarijiet Barranin u l-Ministeru Federali għall-Intern u l-Kommunità tal-Ġermanja;”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
